DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1570

tas-16 ta' Settembru 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni hija membru tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF), li huwa korp reġjonali tas-sajd tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) stabbilit skont l-Artikolu VI (2) tal-Kostituzzjoni tal-FAO.

(2) L-Unjoni hija membru tal-FAO.

(3) Is-CECAF għandu l-għan li jippromwovi l-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-iżvilupp effettivi tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fiż-żona ta' kompetenza tal-Kumitat. Skont il-punt (d) tat-Termini ta' Referenza tal-istatuti riveduti tiegħu, is-CECAF jagħti pariri dwar miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni (rakkomandazzjonijiet) dwar ir-riżorsi ħajjin tal-baħar fiż-żona ta' kompetenza tiegħu. Minħabba l-istatus konsultattiv tiegħu, ir-rakkomandazzjonijiet tas-CECAF ma jorbtux lill-membri tiegħu.

(4) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna", u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Konġunta, il-promozzjoni ta' miżuri li jappoġġaw u jtejbu l-effettività tal-organizzazzjonijiet Reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, li jtejbu l-governanza tagħhom u jsaħħu l-kooperazzjoni f'żoni ewlenin tal-oċeani biex jimtlew il-lakuni fil-governanza reġjonali, hija fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawk il-fora.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari", tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll biex jitnaqqas l-irkaptu tas-sajd li jintilef jew li jiġi abbandunat fil-baħar.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CECAF fl-2019-2023, minħabba li s-CECAF jintalab jadotta atti mhux vinkolanti li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni. Ħafna mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni f'RFMOs li l-Unjoni hija membru tagħhom għandhom jiġu riveduti qabel il-laqgħat annwali tal-2024 ta' dawk l-RFMOs. Għalhekk, sabiex ikun hemm iktar koerenza bejn il-pożizzjonijiet tal-Unjoni fl-RFMOs u fil-Korpi Reġjonali tas-Sajd (RFBs) kollha u sabiex ikun armonizzat il-proċess ta' reviżjoni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi riveduta qabel is-sessjoni tas-CECAF fl-2024.

(7) Fid-dawl tal-fatt li r-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-CECAF qegħdin jevolvu, u tal-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi ġodda, fosthom informazzjoni xjentifika ġdida jew informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel is-sessjonijiet tas-CECAF jew matulhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-koperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, biex il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi speċifikata minn sena għall-oħra għall-perijodu 2019-2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sessjonijiet tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) hija indikata fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fis-sessjonijiet tas-CECAF għandha ssir skont l-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni indikata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, qabel is-sessjoni tas-CECAF fl-2024.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TUPPURAINEN

ANNESS I

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (is-CECAF)

1. **PRINĊIPJI**

Fil-kuntest tas-CECAF, l-Unjoni:

(a) għandha taġixxi skont l-objettivi u l-prinċipji li l-Unjoni tipprova tilħaq permezz tal-politika komuni tas-sajd (il-PKS), b'mod partikulari permezz tal-approċċ prekawzjonarju u tal-miri marbutin mar-rendiment massimu sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex tevita u tnaqqas kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa u b'mod il-mod telimina l-qbid skartat, u biex tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq il-ħabitats tagħhom kif ukoll biex tipprovdi standard ġust tal-għajxien għal dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd u biex tqis l-interessi tal-konsumaturi billi tippromwovi sajd kompetittiv u vijabbli mil-lat ekonomiku fil-livell tal-Unjoni;

(b) għandha taħdem biex tinvolvi b'mod xieraq lill-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' tħejjija tal-miżuri tas-CECAF li jiġu adottati fi ħdanu skont l-istatuti riveduti tiegħu;

(c) għandha tiżgura li l-miżuri adottati fis-CECAF ikunu konsistenti mal-liġi internazzjonali, u b'mod partikulari mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, tal-Ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Ħażniet ta' Ħut li Jpassi f'Żona Limitata (straddling) u Ħażniet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (highly migratory), tal-Ftehim tal-1993 biex jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f'ibħra internazzjonali, u tal-Ftehim tal-2009 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Miżuri tal-Istat tal-Port;

(d) għandha tippromwovi pożizzjonijiet li jkunu konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (l-RFMOs) u tal-korpi reġjonali tas-sajd fl-istess żona u tiżgura li jiġu promossi l-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u organizzazzjonijiet rilevanti bħall-organizzazzjonijiet sottoreġjonali tas-sajd u l-konvenzjonijiet reġjonali dwar l-ibħra, u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet dinjin fl-ambitu tal-mandat tagħhom, skont il-każ, meta dan ikun xieraq, fosthom il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost l-RFMOs mhux tat-tonn bħall-hekk imsejjaħ "il-proċess ta' Kobe" għall-RFMOs tat-tonn;

(e) għandha tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha, b'mod partikulari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, tal-impjiegi, tal-ambjent, tal-kummerċ, tal-iżvilupp, tar-riċerka u tal-innovazzjoni;

(f) għandha tiżgura li jitħarsu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni;

(g) għandha taġixxi skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS ([1]);

(h) għandha timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fiż-żona li taqa' taħt il-kompetenza tas-CECAF abbażi tal-istess prinċipji u tal-istess standards li japplikaw skont il-liġi tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u ta' dawk l-istandards;

(i) għandha taġixxi f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ([2]) dwar il-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna* ([3]), u tippromwovi miżuri li jappoġġaw u jtejbu l-effettività tas-CECAF u, meta dan ikun rilevanti, li jtejbu l-governanza u l-prestazzjoni tiegħu, b'mod partikulari billi tappoġġa r-riforma tas-CECAF sabiex dan isir RFMO żviluppata għalkollox, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fil-lati kollha tagħha.

2. **ORJENTAZZJONIJIET**

Meta dan ikun xieraq, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tappoġġa l-adozzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin min-naħa tas-CECAF:

(a) ta' miżuri għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fiż-żona li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

([1]) 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.
([2]) 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.
([3]) JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

(b) ta' miżuri dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza fiż-żona li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu, fosthom miżuri biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU);

(c) ta' miżuri biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura fuq il-bijodiversità tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq il-ħabitats tagħhom, fosthom ta' miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-baħar u miżuri biex jiġi evitat ir-rimi tal-plastik fil-baħar u biex jitnaqqas l-impatt tal-plastik li jinsab fil-baħar fuq il-bijodiversità tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar, ta' miżuri ta' protezzjoni għall-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar li jinsabu fiż-żona li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu skont il-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Fond fl-Ibħra Internazzjonali, u ta' miżuri biex jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa, fosthom b'mod partikulari l-ispeċijiet vulnerabbli tal-baħar, u biex bil-mod il-mod jiġi eliminat il-qbid skartat;

(d) ta' miżuri biex jitnaqqas l-impatt tal-irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor (ALDFG) fl-oċean u biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru tat-tali rkaptu;

(e) ta' approċċi komuni ma' korpi reġjonali tas-sajd oħrajn u ma' RFMOs oħrajn, meta dan ikun xieraq, b'mod partikulari ma' dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess żona;

(f) ta' rakkomandazzjonijiet li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar ix-xogħol fil-qasam tas-sajd, meta dan ikun xieraq u safejn jippermettu d-dokumenti kostitwenti rilevanti;

(g) ta' miżuri tekniċi oħrajn abbażi tal-pariri tal-korpi sussidjarji u tal-gruppi ta' ħidma tas-CECAF.

ANNESS II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fis-sessjonijiet tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant

Meta s-CECAF jintalab jadotta deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġislatur tal-Unjoni, qabel kull sessjoni tiegħu għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li tiġi espressa f'isem l-Unjoni tkun tqis l-aħħar tagħrif xjentifiku u t-tagħrif rilevanti l-ieħor li jkun intbagħat lill-Kummissjoni, skont il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dak it-tagħrif, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, biżżejjed żmien qabel kull sessjoni tas-CECAF, dokument bil-miktub li jkun jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li trid tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk, waqt sessjoni tas-CECAF, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, anke fuq il-post, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tqis elementi ġodda.